MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-22 ta' Ottubru, 2003

Numru. 601/2003

Il-Pulizija
(Spettur Simon Galea)
vs
Philip Attard

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi Philip Attard, detentur tal-karta tal-identita Nru 270178(M), li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli fin-Naxxar nhar it-13 ta' Lulju 2003 f'xi hin kmieni filghodu, ikkommetta serq ta' diversi oggetti minn stand tal-Vodaphone fil-Trade Fair Grounds fin-Naxxar ghad-dannu tal-kumpannija Vodaphone u liema serq hu aggravat bil-valur globali tal-oggetti misruqa, liema valur huwa ta' iktar minn mitt lira Maltin (LM100), izda inqas minn elf lira Maltin (LM1000), bil-lok u mezz u dan kollu bi ksur tal-Artikoli 263, 267 u 269 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talli f’dawn l-ahhar zminijiet f’dawn il-gzejjer xjentement laqa ghandu, jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat u cioe serq u xjentement b’kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom u dan bi ksur tal-Artikolu 334 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Aktar talli fl-istess hin, lok, cirkostanzi, volontarjament hassar jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli liema hsara ma teccediex il-hamsin lira Maltin u dan bi ksur tal-Artiklu 325 (c) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talli fin-Naxxar nhar it-13 ta’ Lulju 2003 f’xi hin kmieni filghodu bil-hsieb li jikkommetti serq minn Naxxar ghad-dannu ta’ Vodaphone wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta’ dan id-delitt, billi sgassa il-vettrina liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu, u dan kollu bi ksur tal-Artikolu 41 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet lill-imputat iwiegeb li ma kellux oggezzjoni illi l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet lill-imputat debitament assistit volontarjament jirregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dana waqt is-seduta tal-14 ta’ Ottubru 2003 meta kienu qeghdin isirulu l-mistoqsijiet skond l-Artikoli 370(4), 390(1) u 392 tal-Kodici Kriminali;

Semghet lil Dr Gulia ghall-imputat jiddikjara li ma kienx hemm oggezzjoni illi din il-Qorti kif presjeduta tghaddi ghas-sentenza minkejja l-fatt illi din il-Qorti kif presjeduta kienet irredigiet il-process verbal fl-inkjesta mertu ta’ dan il-kaz;

Il-Qorti innutat ukoll illi minkejja l-fatt illi hija ghalqet il-process verbal ma kienet gibdet l-ebda konkluzzjoni u dana peress illi kienet giet mitluba sabiex taghlaq l-inkjesta qabel ma l-esperti kienu lahqu irrelataw;

Il-Qorti taqta u tiddeciedi billi fuq ammissjoni volontarja tal-imputat issibu hati ta' l-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu. Tilliberah mit-tieni imputazzjoni dik ta' ricettazzjoni, peress illi huwa gie misjub hati ta' serq u dan ir-reat jeskludi r-reat ta' ricettazzjoni u tilliberah ukoll mir-raba' imputazzjoni, dik ta' attentat ta' serq peress illi l-imputat gie misjub hati tas-serq, u dana wara illi l-Qorti rat l-Artikoli 261 (c), 261 (e), 261 (b), 263, 264, 265, 266, 267, 269, 278, 279, 280, 17, 20, u 325 (1) (c) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Qorti ikkunsidrat ghall-fini ta' piena l-fatt illi l-imputat ikkopera mal-pulizija, ir-refurtiva giet rikuperata mill-Prosekuzzjoni u giet ukoll ritornata lid-derubat, kif ukoll il-fatt illi l-imputat irregistra ammissjoni sabiex b'hekk evita li issir il-kumpilazzjoni. Madanakollu, l-Qorti ezaminat il-fedina penali ta' l-imputat, minn fejn jirrizulta illi f'Marzu ta' l-1994 kien gie misjub hati ta' serq aggravat bil-mezz, valur u lok. Ghaldaqstant il-Qorti tara illi jkun opportun illi tikkundanna lill-imputat, misjub hati kif diga intqal, ghal sentejn prigunerija, liema piena, bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 28 A tal-Kap. 9, ma ghandhiex tibda issehh hlief jekk matul il-perjodu ta' tlett snin mil-lum l-imputat jikkommetti reat iehor illi ghalih hemm il-piena ta' prigunerija u jigi misjub hati.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hati, ai termini ta' l-Artikolu 28 B tal-Kap. 9, bir-responsabbilta tieghu skond il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza sospiza.

Il-Qorti rat ukoll l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 u tordna lill-imputat sabiex fi zmien xahar mil-lum ihallas l-ispejjez kollha li kellhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti f'dan il-kaz.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------